22 ta' Frar, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Joseph Schembri *versus* Emmanuela sive Lily Schembri

## Separazzjoni Personali — Interdizzjoni — Kuratur — Illeġittimità tal-Persuna — Adulterju — Estinzjoni tal-Azzjoni — Rikonċiljazzjoni — Maħfra — Rinunzja — Appell — Art. 50(1) u 43 tal-Kodiċi Ċivili

*Huwa veru li s-separazzjoni personali ma tistax issir ħlief fuq talba ta' waħda mill-persuni miżżewġin flimkien kontra l-oħra, u għalhekk ma tistax tintalab is-separazzjoni personali mill-kuratur ta' persuna interdetta kontra l-konjuġi ta' dik il-persuna nterdetta; iżda dan ma japplikax meta l-azzjoni tkun inbdiet minn wieħed mill-konjuġi kontra l-ieħor u l-parti konvenuta ġiet interdetta fil-kors tal-kawża. F'dan il-każ, il-parti konvenuta li ġiet interdetta għandha d-dritt li tkompli tiddefendi ruħha kontra t-talba tas-separazzjoni; u billi dan ma tistax tkompli tagħmlu hija mħabba l-interdizzjoni, jinkombi lill-kuratur tagħha li jassumi dik id-difiża; u għaldaqstant, f'każ simili, il-kuratur huwa persuna leġittima biex ikompli jikkontesta l-kawża; u huwa wkoll persuna leġittima biex jappella mis-sentenza fl-isem tal-parti nterdetta.*

*Ir-rikonċiljazzjoni tal-konjuġi testingwi l-azzjoni tas-separazzjoni personali. Imma biex ikun hemm dik ir-rikonċiljazzjoni, bil-konsegwenti estinzjoni tal-azzjoni, hemm bżonn li jkun hemm fatti li neċessarjament jissupponu r-rinunzja għal dik l-azzjoni; u skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt, kwalunkwe rinunzja għall-azzjoni hija ta' ostakolu għall-propożizzjoni tagħha. Hemm bżonn, għalhekk, li ssir il-prova li jikkonkorru fatti u ċirkustanzi tali li minnhom wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li l-konjuġi offiż abbanduna u rrinunzja għad-dritt tiegħu kontra l-konjuġi l-ieħor, ħati ta' dik l-offiża; trid tirriżulta l-intenzjoni u l-volontà li jaħfer fil-konjuġi offiż; u dik l-intenzjoni u volontà għandha tiġi deżunta minn fatti li fil-kumpless tagħhom jimmanifestaw b'mod ċar l-intenzjoni tal-maħfra.*

*Jekk fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ partikulari l-Qorti tħossha soddisfatta li l-parti attriċi kienet ħafret il-ħtija tal-parti konvenuta, l-azzjoni tas-separazzjoni personali hija perenta.*

*Jekk, mbgħad, ir-raġel attur jitlob is-separazzjoni personali minn martu għax din ikkommettiet adulterju, u l-fatti juru li hu xjentement ittollera u ffavorixxa dak l-adulterju ta' martu, li mbgħad huwa jqiegħed bħala bażi tal-istanza tiegħu għas-separazzjoni personali minn martu, it-talba tiegħu għal dik is-separazzjoni personali ma tistax tiġi eżawdita.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attur, wara li jippremetti illi huwa ġie awtorizzat per mezz ta' digriet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti li jistitwixxi dina l-kawża tal-14 ta' Marzu 1951; u illi l-konvenuta, martu, irrendiet ruħha kolpevoli versu lejħ ta' adulterju, abbandun, servizji, minaċċi u inġurji gravi; jitlob illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jkun mogħti kull provvediment li hemm bżonn, (1) tiġi dikjarata u magħmula s-separazzjoni personali tal-kontendenti għall-ħtija tal-konvenuta; (2) tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti magħmula sal-lum, jew li għad jiġu magħmula l-quddiem mill-kontendenti, u dikjarata l-konvenuta dekaduta minn kwalunkwe sehem tal-istess akkwisti, kif ukoll dekaduta mid-drittijiet kollha kontenuti fl-art. 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 1956, li biha ġiet respinta t-talba tal-konvenuta għall-provvediment mitlub minnha fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1956, bl-ispejjeż kontra tagħha; ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni sollevata mill-konvenuta, bl-ispejjeż ukoll kontra tagħha; ġiet milqugħa l-ewwel talba tal-attur u pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba l-ħtija tagħhom it-tnejn, għalkemm fi grad akbar tal-konvenuta; u ġiet milqugħa t-tieni talba, fis-sens però li ġiet dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti magħmula bejn il-kontendenti, imma mingħajr id-dekadenzi kif mitluba mill-attur, ħlief in kwantu għall-manteniment, li eventwalment tista' titlob il-konvenuta minn għand l-attur fis-sens li ntqal fil-parti razzjonali tas-sentenza; u ġie ordnat illi l-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi, jitħallsu kwantu għal ħames undeċimi (5/11) mill-attur, u u kwantu għal sitt undeċimi (6/11) mill-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob li jinfired mill-konvenuta, martu, għar-raġuni li hija rrendiet ruħha ħatja lejħ ta' adulterju, abbandun, servizji, minaċċi u nġurji gravi;

Illi l-ewwel raġuni — dik ta' adulterju — tirriżulta soddisfaċentement, u tinsab ukoll ammessa mill-konvenuta. Infatti jirriżulta .........;

Illi l-konvenuta tallega li l-attur kien ħafrilha, u kien hemm ukoll rikonċiljazzjoni bejnha u żewġha. Din il-maħfra u rikonċiljazzjoni, allegati mill-konvenuta, ma jirriżultawx .........;

*Omissis;*

Illi, għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, fis-sens li l-azzjoni tal-attur hi perenta, ma treġix; għaliex l-adulterju kommess minnha ma ġiex maħfur mill-attur, u ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti sussegwenti għalieh. U stabbilita l-kawżali tal-adulterju, ma hemmx bżonn li l-Qorti tgħaddi biex tara jekk jikkonkor-

rux il-kawżalijiet l-oħra avanzati mill-attur in bażi għall-azzjoni dedotta minnu, billi waħda biss mil-kawżalijiet stabbiliti tassattivament mill-liġi hi biżżejjed biex tiġġustifika dik it-talba, basta li l-kawżali li tirriżulta tkun tali li tivvjola profondament ir-rigwardi tal-konvivenza konjugali (Vol. XXVI-II-110), kif inhi appuntu dik tal-adulterju;

Illi l-konvenuta tilmenta li l-attur irrenda ruħu ħati lejha ta' ħtijiet wisq aktar gravi minn dawk kommessi minnha, u mid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha jidher illi hija taddebita lill-attur il-ħtijiet ta' adulterju, inġurji u servizji. Mill-provi prodotti mill-konvenuta jidher soddisfaċentement li l-attur ......;

Il-konvenuta tissottometti li dawn il-fatti, hekk riżultati mill-provi, jaddittaw ħaġa waħda — l-adulterju tal-attur ma' dawk in-nisa ...... Imma l-istess fatti ...... għalkemm jistgħu jinduċu suspett ta' infedeltà, ma jikkostitwux prova ta' adulterju. Kif ġie ritenut minn dina l-Qorti, għalkemm il-prova tal-adulterju hi diffiċli, u għalkemm l-adulterju jista' jiġi ppruvat b'konġetturi u preżunzjonijiet gravi, preċiżi u konkludenti, jibqa' dejjem però rekwiżit ta' essenza, anki għall-finijiet tal-proċeduri f'sedi ċivili, il-prova tal-konġunġiment korporali (Vol. XXIX-II-1009). B'dan kollu, għad li mhux adulterju, il-fatti fuq imsemmija kif limitati, jikkostitwixxu kawża ta' nġurja gravi; għaliex meta r-raġel ikollu intimità ma' nisa oħra b'ċerta notorjetà, dik il-ħbiberija tikkostitwixxi nġurja gravi li toffendi l-amor proprju tal-mara u s-sentimenti ta' mara miżżewġa, u tiġġustifika talba għas-separazzjoni personali (Vol. XXXII-II-118). Għalhekk jirriżulta li l-attur irrenda ruħu ħati lejn il-konvenuta ta' inġurja gravi, li tagħti lok għas-separazzjoni personali;

*Omissis;*

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 1956 hija talbet li dina l-Qorti tagħti provvediment jekk hija tistgħax tixhed f'dan l-istadju tal-kawża, invista tal-proċeduri għar-revoka tal-interdizzjoni tagħha li jinsabu pendenti quddiem is-Se-

kond'Awla ta' din il-Qorti. Rigward daqshekk jingħad illi l-Qorti mhijiex imsejħa biex tagħti konsulti lill-partijiet x'għandhom jagħmlu jew ma jagħmlux, imma biex tiddikjara l-eżistenza ta' dritt da parti tal-attur (Vol. XXVIII-III-1093; 1206), u għalhekk mhux fl-ambitu tal-Qorti li tipprovdi fuq it-talba tal-konvenuta. Wara kollox, il-konvenuta xehdet, u fis-seduta tal-24 ta' April 1956 hija ġiet mogħtija l-fakoltà li tixhed, naturalment jekk riedet tagħmel hekk. Konsegwentement, it-talba tal-konvenuta għandha tiġi respinta;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza msemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn irrespinġiet l-eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni, bl-ispejjeż kontra l-esponenti, fejn laqgħet l-ewwel talba mħabba ħtija tal-kontendenti, fi grad akbar tal-konvenuta, fejn iddikjarat lill-attur ħati ta' nġurja gravi minflok ta' adulterju, u fejn ma pprovdietx il-mod tal-pagament tal-alimenti, billi din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni u tirrespinġi l-ewwel talba, fejn l-esponent ġie misjub ħatja ta' adulterju, tilqa' l-eċċezzjoni li l-attur huwa ħati ta' adulterju, u mhux ta' inġurja gravi, u tagħti provvediment dwar l-alimenti li jistħoqqu lill-esponenti, u tiġi konfermata fejn ċaħdet id-dekadenzi kif mitluba mill-attur, billi jiġi deċiż li t-talba għas-separazzjoni tal-attur hija infondata, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, u konsegwentemnet tiġi miċħuda t-talba tiegħu għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-attur, li talab li l-appell tal-konvenuta jiġi dikjarat irritu, minħabba l-illeġittimità tal-persuna, u fi kwalunkwe każ l-istess appell tal-konvenuti filmeritu jiġi respint, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra tagħhom; salv dejjem l-appell kuntrarju tal-attur;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata,

billi tiġi konfermata fil-kapi li bihom irrespinġiet it-talba tal-konvenuta għall-provvediment mitlub fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1956, bl-ispejjeż, u rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni sollevata mill-istess konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha, u tiġi revokata fil-kapi l-oħra, u jiġu akkolti d-domandi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni: bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-appell tal-konvenuta;

Illi kontra dan l-appell l-attur ġieb il-quddiem l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna, billi magħmul minn Emmanuela Schembri, dementi, u għalhekk inkapaċi, u mill-kuratur tagħha Dr. Butigieg, li bħala kuratur ma jistgħax jaġixxi għas-separazzjoni personali;

Jingħad, qabel xejn, li l-kawża għas-separazzjoni personali ġiet promossa mill-attur Joseph Schembri, b'ċitazzjoni preżentata fit-28 ta' Marzu 1951, li saret kontra martu Emmanuela sive Lily Schembri. Fil-kors ta' dik il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza, l-istess Emmanuela Schembri ġiet interdetta b'digriet tas-Sekond'Awla tad-9 ta' Ġunju 1953, u mħabba f'hekk il-kuratur tagħha Dr. Butigieg assuma l-atti tal-kawża f'dik il-kwalità tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-imsemmija eċċezzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjoni tal-art. 43 tal-Kodiċi Ċivili, li tistabbilixxi illi s-separazzjoni personali ma tistgħax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra. Iżda dik id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-każ; għaliex it-talba għas-separazzjoni personali ma ġietx inizjata u promossa mill-kuratur tal-interdetta, iżda mill-attur kontra tagħha, u hija għandha d-dritt tiddefendi ruħha kontra talba simili; u billi dan ma setgħtex tkompli tagħmlu personalment, kien jinkombi lill-kuratur tagħha li jassumi dik id-difiża. Kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi tal-

attur, il-konsegwenza tkun li l-attur f'din il-kawża ma jkollux kontradittur leġittimu, u l-kawża ma tkunx tista' titkompla. Barra mill-każ ta' rikonċiljazzjoni, il-liġi (art. 51 Kod. ċit.) tikkontempla każ ieħor biss ta' estinzjoni ta' kawża ta' separazzjoni, u dan meta tiġri l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi anki wara li tkun ġiet inoltrata l-kawża. Kieku l-liġi riedet li dik l-estinzjoni tiġri anki meta wieħed mill-konjuġi jiġi nterdett, kienet tgħidu; u la ma qalitux, sinjal li riedet teskludi dik l-estinzjoni; u għalhekk il-kawża għandha titkompla kontra l-leġittimu rappreżentant tal-persuna interdetta, ċjoè kontra l-kuratur tagħha, li huwa l-persuna legittima u l-kontradittur leġittimu tal-istanza tal-attur. Konsegwentement l-imsemmija eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, in kwantu tirrigwarda l-kuratur Dr. Butigieg appellant, ma tistax tiġi milqugħa, u għandha tiġi respinta, kif fil-fatt qegħdha tiġi respinta; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel gravam miġjub il-quddiem mill-konvenuti huwa dak li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni tagħhom tal-estinzjoni tal-azzjoni billi l-attur ħafer lill-martu wara li kkommettiet l-adulterju .........;

Fuq dan il-pont, il-Qorti sejra tibbaża ruħha unikament fuq id-depożizzjoni li l-attur ta quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 30 tergo u segwenti) u fuq id-dokument prodott f'dina l-istanza u eżibit fil-fol. 204 tal-proċess. Skond l-imsemmija xhieda tal-attur, xi tliet ġimgħat wara li martu telqet minn Malta, huwa mar isibha l-Ingliterra...... Qabel telaq għal Malta hija ppromettietlu li ħmistax wara kellha tirritorna Malta u hu ħalliha warajh, għalkemm kellu għad-dispożizzjoni tiegħu ajruplan li biex iġibu Malta ħallas £300. Għalkemm il-konvenuta martu kienet ippromettietlu li kellha tiġi Malta ħmistax il-ġurnata warajh, hija ma ġietx; għaddiet sena u oħra wara dik il-promessa. Huwa

matul dan iż-żmien kien jiktbilha biex tiġi Malta u kien jibgħatilha flus minn £200 sa £300 fix-xahar, tant li f'sentejn bagħtilha £2,500. Bagħtilha wkoll £600 biex tixtri dar hemm, għax dik kienet ix-xewqa tagħha. Meta mar it-tieni darba l-Ingilterra ...... Wara ħamsa jew sitt ijiem huwa reġa lura Malta u kompla jibgħat flus lill-martu...... Biex il-konvenuta ġiet Malta bagħtilha l-flus żewġha ...... Id-dokument eżibit fil-fol. 204 hija ittra mibgħuta lill-konvenuta, li ġġib id-data tal-10 ta' Ġunju 1950, u hija tat-tenur segwenti ...... L-attur, għalkemm kellu l-opportunità kollha, ma ċaħadx li dik l-ittra ġiet minnu miktuba u mibgħuta lill-martu;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni tas-separazzjoni personali tiġi estinta bir-rikonċiljazzjoni tal-konjuġi, jiġifieri meta r-raġel u l-mara jissewwew (art. 50 (1) Kodiċi Ċivili). Biex ikun hemm dik ir-rikonċiljazzjoni u l-konsegwenti estinzjoni ta' l-azzjoni, hemm bżonn li jkun hemm fatti li neċessarjament jissupponu r-rinunzja għal dik l-azzjoni; u skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt, kwalunkwe rinunzja għall-azzjoni hija ta' ostakolu għall-propożizzjoni tagħha. Hemm bżonn, għalhekk, li ssir il-prova li jikkonkorru fatti u ċirkustanzi tali li minnhom wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li l-konjuġi offiż abbanduna u rrinunzja għad-dritt tiegħu kontra l-konjuġi l-ieħor, ħati ta dik l-offiża. Fi ftit kliem, trid tirriżulta l-intenzjoni u l-volontà li jaħfer fil-konjuġi offiż, u dik l-intenzjoni u volontà għandha tiġi deżunta minn fatti tali li fil-kumpless tagħhom jimmanifestaw b'mod ċar l-intenzjoni tal-maħfra;

Ikkunsidrat;

Illi meta l-prinċipji fuq żvolti jiġu applikati għall-każ in eżami, din il-Qorti tħossha soddisfatta li l-adulterju kommess mill-konvenuta appellanti ġie maħfur mill-konvenut żewġha. Infatti, kif xehed hu stess . . .;

Mill-premess, għalhekk, għandu jiġi ritenut li l-attur wera l-intenzjoni u l-volontà tiegħu li jaħfer lil martu, u

konsegwentement irrinunzja għall-azzjoni li l-lum qiegħed jesperixxi kontra tagħha. Barra minn dan, jikkonkorru fatti oħra, riżultanti mill-istess depożizzjoni ta' l-attur, li huma ta' ostakolu għall-akkoljiment tad-domandi tiegħu. L-attur, infatti, kien jaf mill-ewwel li martu telqet minn Malta flimkien ma' persuna oħra. Meta wara xi xahar mar għall-ewwel l-Ingilterra, martu keċċietu, u fil-kamra tagħha ra r-ritratt ta' dik il-persuna bil-fjuri ma' ġenbu... Wara ġranet huwa nefaq £300 biex kera ajruplan għal Malta, u frattant lil martu ħalliha l-Ingilterra warajh, u kompla jibgħatilha £200 jew £300 fix-xahar, barra minn £600 oħra biex tixtri dar hemm. L-attur, għalhekk, kien jaf li martu l-Ingilterra kienet qegħdha tgħix ma' l-imsemmija persuna, u huwa naturali li huma ma kienux qegħdin jgħixu flimkien biex iħarsu biss lejn xulxin. Huwa, fi kliem ieħor, kien qiegħed xjentement jittollera u jiffavorixxi bir-rimessi ta' flus dak l-istat ta' fatt, li wassal lil martu għall-adulterju, li l-lum huwa mqiegħed a bażi tal-preżenti azzjoni ta' separazzjoni. B'dik it-tolleranza tiegħu ġie ffavorixxa l-adulterju ta' martu; u kif ġie deċiż minn din il-Qorti fl-20 ta' Ġunju 1923, in re "Vella vs. Vella" (Kollez. Vol. XXV, parte I, paġna 600), "quando la domanda di separazione personale è promossa del marito per causa di adulterio della moglie, e risulta che tale marito ha non solo tollerato, ma favorito l'adulterio di sua moglie, egli non può essere esaudito nell'azione da lui promessa, perchè a nessuno è dato di fare della propria turpitudine il fondamento di una pretesa giudiziaria";

Ikkunsidrat;

Illi ebda prova ma saret li l-konvenuta Schembri, wara l-maħfra ta' żewġha, ikkommettiet xi att li minħabba fih setgħet tiġġustifika lil żewġha li jinizja kontra tagħha kawża ta' separazzjoni skond il-liġi; u in bażi għal dak li ntqal fuq l-appell tal-konvenuti għandu jiġi milqugħ, u d-domandi dedotti bl-att taċ-ċitazzjoni għandhom jiġu respinti. Konsegwentement, għandu jiġi wkoll respint l-appell promoss mill-attur;

Ikkunsidrat;

Illi minħabba l-produzzjoni serotina tad-dokument fil-fol. 204 tal-proċess, hemm lok għall-infraskritt tempera-ment fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell tal-konvenuti, fis-sens li tilqa' l-eċċez-zjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni minnhom fl-ewwel lok opposta, u konsegwentement tirrespinġi d-domandi dedotti bl-att taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż, barra dawk ġa superjorment deċiżi, għandhom jitħallsu kif sejjer jingħad: dawk ta' l-ewwel istanza mill-attur, u dawk ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa, iżda bid-dritt tar-Reġistru kontra l-attur;

U fis-sens fuq imsemmi rrevokat is-sentenza appellata;

U tirrespinġi l-appell ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.